MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-3 ta' Marzu, 2004

Ċitazzjoni Numru. 335/2002/1

**Cit Nru: 335/02 JA.**

**Gaetano Falzon, Alfred Falzon, Carmelo Falzon, Grezzju Falzon, Raymond Falzon, Emmanuel Falzon, Silvio Falzon, Emmanuela Cuschieri u Guditta Falzon.**

**-vs-**

**George u Jessie konjugi Sammut.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fil-25 ta’ Marzu, 2002 li permezz tieghu l-atturi ppremettew:

Illi l-konvenuti qieghdin jokkupaw minghajr ebda titolu validu fil-ligi forn proprjeta’ tal-atturi li jifforma parti minn korp bini akbar imsemmi “Saint George”, New Borg Street, B’ Kara.

Illi minkejja li l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jirritornaw il-pussess tal-forn lill-atturi huma baqghu inadempjenti.

Ghalhekk jitolbu lill-din l-Onorabbli ghaliex m’ ghandhiex prevja dikjarazzjoni jekk mehtieg, li l-konvenuti qieghdin jokkupaw il-forn minghajr l-ebda titolu validu fil-Ligi, tordna lill-konvenuti jizgombraw mill-forn li jifforma parti minn korp ta’ bini akbar imsemmi “Saint George”, New Borg Street, B’ Kara.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra bonarja datata 15 ta’ Ottubru, 1999, kontra l-konvenuti li huma minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta’ l-atturi mahlufa minn Alfred Falzon u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti pprezentata fil-25 t’ April, 2002 li permezz taghha eccepew illi:

1. Preliminarjament, illi l-mertu ta’ din il-kawza huwa res judicata permezz ta’ sentenza tal-Qorti tal-Magistrati ta’ l-14 ta’ Dicembru, 2001 kopja ta’ liema qed tigi hawn annessa u mmarkata Dok “A”;

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ainkompetenza ta’ din l-Onorabbli Qorti stante titolu validu ta’ kera;

3. Illi l-konvenuti huma l-kerreja tal-fond bil-forn bl-isem “San Gorg”, Triq A. Camilleri, Birkirkara;

4. Illi l-kera taghhom hija valida fil-ligi, kif gie pruvat tul is-smiegh tal-kawza fl-istess ismijiet li taghha inghatat is-sentenza fid-data fuq imsemmija u ghaldaqstant huma qeghdin jokkupaw il-fond in kwistjoni b' titolu validu fil-ligi u ma jistghux jigu zgumbrati mill-istess;

5. Illi t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Illi ghaldaqstant it-talbiet attrici ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra taghhom;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenuti mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Novembru, 2003 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni.

Ikkunsidrat;

Illi permezz ta' din l-eccezzjoni l-konvenuti qed jeccepixxu *res judicata* stante li l-Qorti tal-Magistrati fil-kawza fl-istess ismijiet iddecidiet fl-14 ta' Dicembru 2001 li ma' kienitx kompetenti tiddeciedi l-kaz *ratione materiae*. Dan ghaliex irriteniet illi l-konvenuti kellhom titolu ta' kera. Infatti l-Qorti qalet:

***… xorta wahda ma' jitbiddilx il-fatt principali rizultanti mill-provi prodotti illi llum il-konvenuti qeghdin fil-pussess tal-fond taht titolu ta' kera rizultanti mill-ricevuta/ftehim datat 8 ta' Mejju, 1990 u ghalhekk din il-Qorti mhijiex kompetenti illi tiehu konjizzjoni ta' kwalunkwe kontestazzjoni li tirrigwardja il-validita' o meno ta' din l-lokazzjoni.***

Ghaldaqstant qieghda tilqa' l-ewwel eccezzjoni sollevata mill-konvenut u tiddikjara ruhha inkompetenti *rationae materiae* li tiehu konjizzjoni tat-talba tal-atturi u tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kawza.

Din il-Qorti hija ffacjata bi problema ghaliex fil-waqt li l-Qorti tal-Magistrati ddikjarat li l-konvenuti kellhom titolu ta' kera ma' ddeciditx iktar minn hekk u astjeniet milli tiehu konjizzjoni tal-kawza. Biss f' din il-kawza l-atturi qeghdin jergghu jipproponu l-istess talba u qed jinsistu li l-konvenuti ma ghandhomx titolu validu. Dan meta dan il-punt diga gie deciz. Jidher car li fil-waqt li l-Qorti tal-Magistrati indikat lill-atturi li fil-fehma taghha il-konvenuti kellhom titolu validu ghamlitha cara li ma setghetx hija stess tiddeciedi dwar il-validita' o meno ta' din il-kirja. F' din il-kawza, l-atturi minflok li ghamlu din it-talba (u cioe li l-kirja mhijiex valida) regghu ghamlu l-istess talba. Dan meta dan il-punt gia gie deciz u ghadda in gudikat. In effetti l-Qorti tal-Magistrati ppronunzjat ruhha inkompetenti fuq il-materja u mhux fuq il-valur, kieku dan kien il-kaz l-atturi kienu jkunu gustifikati li jistitwixxu l-azzjoni fil-Qrati Superjuri.

Kif qalu sewwa l-konvenuti fin-nota taghhom, biex l-eccezzjoni ta' *res judicata* iridu jissussistu tlett fatti:

1. **Eadem personae**
2. **Eadem res u**
3. **Eadem causa petendi.**

F' dan il-kaz it-tlett rekwisiti huma kollha hemm. Il-kawza kienet bejn l-istess partijiet, fuq l-istess oggett u bl-istess talba. Fuq kollox decizjoni fuq it-talba in kwistjoni gia ttiehdet.

**Ghaldaqstant il-Qorti tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-**

**konvenuti u tilliberahom mill-osservanza tal-gudizzju, spejjez jigu sopportati mill-atturi.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------